




# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: April tal-2023

NR081/2023   Data tal-Ħruġ: 10 ta' Mejju 2023   Cut-Off Date: 02 ta' Mejju 2023

*F'April tal-2023, l-għadd ta' Kuntratti ta' Bejgħ u Konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 918 u 1,061, rispettivament.  Meta mqabblin mal-istess perjodu fl-2022, il-Kuntratti ta' Bejgħ naqsu bi 18.2 fil-mija, mentri l-Konvenji żdiedu b'4.4 fil-mija.*



*F'April 2023, il-Kuntratti ta' Bejgħ u ta' Konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 918 u 1,061, rispettivament. Meta mqabblin ma' dawk irreġistrati fl-istess xahar ta' sena qabel, dawn iċ-ċifri juru tnaqqis ta' 18.2 fil-mija fil-kuntratti ta' bejgħ u żieda ta' 4.4 fil-mija fil-konvenji.*

Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'April 2023, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 918, li juri tnaqqis ta' 18.2 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati sena qabel (Tabella nru 1a). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq €260.6 miljun, żieda ta' 9.4 fil-mija meta mqabbel mal-valur irregistrat f'April 2022 (Tabella nru 2a).

Fix-xahar ta' riferenza, 848 jew 92.4 fil-mija tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn xerrejja individwali (familji), filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmula minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu xerrejja individwali (familji) kien jammonta għal €216.0-il miljun, li huwa ekwivalenti għal 82.9 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' Bejgħ skont id-distrett u l-lokalità*

F'April 2023, l-akbar għadd ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 260 u 193 kuntratt, rispettivament. L-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna bi 82 u b'111-il kuntratt rispettivament (Tabella nru 3).

## Ċart 1. Kuntratti ta' Bejgħ Irreġistrati

Monthly




L-akbar għadd ta' kuntratti ta' bejgħ kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl il-Baħar (74), Birkirkara (44), Marsaskala (43) u Il-Mosta (37) (Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu għal aktar minn 21.0 fil-mija tal-kuntratti kollha mwettqa f'April 2023.

## Ċart 2a. Il-Lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'April 2023

Kuntratti ta' Bejgħ




**Konvenji**

F'April 2023, kienu rreġistrati 1,061 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi f'żieda ta' 4.4 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 4a). Ix-xerrejja individwali (familji) li kienu nvoluti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 984 jew 92.7 fil-mija, filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 4b).

*Konvenji skont id-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 305 konvenji; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'223 konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett tal-Punent u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna b'106 u b'118-il konvenju, rispettivament (Tabella nru 5).

L-akbar għadd ta' konvenji kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl il-Baħar (108), Birkirkara (51), Il-Mosta (47) u Marsaskala (39) (Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu għal aktar minn 23.0 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'April 2023.

## Ċart 2b. Il-Lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'April 2023

Konvenji

